SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

11 ta' Lulju 2019*

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Dazji tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku – Artikolu 110 TFUE – Direttiva 92/83/KEE – Direttiva 92/84/KEE – Regolament (KE) Nru 110/2008 – Applikazzjoni ta' rata ta' dazji ta' sisa iktar baxxa fuq il-produzzjoni ta' prodotti nazzjonali msemmija tsipouro u tsikoudia"

Fil-Kawża C-91/18,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fit-8 ta' Frar 2018,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn A. Kyratsou u F. Tomat, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

**Ir-Repubblika Ellenika**, irrappreżentata minn M. Tassopoulou u D. Tsagkaraki, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda u A. Kumin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstemgħet l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tikkonstata li r-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha:

– taħt l-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 206), moqrija flimkien mal-Artikolu 23(2) tal-istess direttiva, kif ukoll taħt l-Artikolu 110 TFUE, billi adottat u żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tapplika rata ta' dazju tas-sisa mnaqqsa b'50 % meta mqabbla mar-rata standard nazzjonali applikabbli għat-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mill-impriżi ta' distillazzjoni, magħrufa bħala "distillaturi sistematiċi", filwaqt li x-xorb alkoħoliku importat minn Stati Membri oħra huwa suġġett għar-rata standard tad-dazju tas-sisa, u

– taħt l-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 22(1) tagħha u mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/84/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 213), kif ukoll taħt l-Artikolu 110 TFUE, billi adottat u żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tapplika, taħt il-kundizzjonijiet previsti f'din il-leġiżlazzjoni, rata ta' dazju tas-sisa kunsiderevolment imnaqqsa fuq it-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mid-distillaturi ż-żgħar, imsejħa "okkażjonali", filwaqt li x-xorb alkoħoliku importat minn Stati Membri oħra huwa suġġett għar-rata standard tad-dazju tas-sisa.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

2 Is-sittax-il, is-sbatax-il u l-għoxrin premessa tad-Direttiva 92/83 huma fformulati kif ġej:

"Billi hu possibbli li l-Istati Membri jitħallew japplikaw rati mnaqqsa jew eżenzjonijiet għal ċerti prodotti ta' natura reġjonali jew tradizzjonali;

Billi, fil-każijiet fejn l-Istati Membri jitħallew japplikaw rati mnaqqsa, dawn ir-rati mnaqqsa m'għandhomx joħolqu distorsjoni ta' kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern;

[…]

Billi, madankollu, hu possibbli li l-Istati Membri jitħallew ikollhom il-possibbiltà ta' l-għażla li japplikaw eżenzjonijiet marbuta ma' l-użi finali fit-territorju tagħhom".

3 L-Artikolu 19 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom japplikaw taxxa tas-sisa lil alkoħol etiliku skond din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiffissaw ir-rati tagħhom skond id-Direttiva 92/84/KEE."

4 L-Artikolu 20 tad-Direttiva 92/83 jistipula:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva l-'alkoħol etiliku' jkopri:

– il-prodotti kollha b'qawwa alkoħolika attwali skond il-volum li teċċedi l-1,2 % volum u li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2207 u 2208, anki fejn dawn il-prodotti jifformaw parti ta' prodott li jaqa' taħt Kapitolu ieħor tan-NM [Nomenklatura Magħquda];

[…]".

5 L-Artikolu 21 ta' din id-direttiva jistipula:

"It-taxxa tas-sisa fuq alkoħol etiliku għandha tkun iffissata għal kull ettolitru ta' alkoħol pur ta' 20 °C, u għandha tkun ikkalkolata b'riferenza għan-numru ta' ettolitri ta' alkoħol pur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22, l-Istati Membri għandhom iżommu l-istess rata ta' dazju fuq il-prodotti kollha taxxabbli bid-dazju fuq l-alkoħol etiliku."

6 L-Artikolu 22 tal-imsemmija direttiva jispeċifika:

"1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw rati mnaqqsa ta' taxxa tas-sisa lill-alkoħol etiliku prodott minn distilleriji żgħar fi ħdan il-limiti segwenti:

– ir-rati mnaqqsa, li jistgħu jaqgħu taħt ir-rata minima, m'għandhomx ikunu applikati lil intrapriżi li jipproduċu iżjed minn 10 ettolitri ta' alkoħol pur fis-sena. Madankollu, l-Istati Membri li applikaw rati mnaqqsa fl-1 ta' Jannar 1992 lil intrapriżi li jipproduċu bejn l-10 ettolitri u l-20 ettolitru ta' alkoħol pur kull sena jistgħu jkomplu jagħmlu hekk,

– ir-rati mnaqqsa m'għandhomx ikunu ffissati għal iżjed minn 50 % taħt ir-rata ta' taxxa tas-sisa standard nazzjonali,

2. Għall-iskopijiet tar-rati mnaqqsa, it-terminu 'distillerija żgħira' għandu jfisser distillerija li hi legalment u ekonomikament indipendenti minn kull distillerija oħra u li ma toperax bil-liċenzja.

[…]

4. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw disposizzjonijiet fejn l-alkoħol prodott minn produtturi żgħar jinħeles għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa hekk kif dan jinkiseb (sakemm il-produtturi ma jkunux wettqu huma nfushom xi transazzjonijiet intra-Komunitarji) mingħajr ma jkunu soġġetti għall-arranġamenti tat-taxxa tal-magazzinaġġ, u jkunu intaxxati definittivament fuq bażi ta' rata waħda.

[…]".

7 L-Artikolu 23 tal-istess direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri segwenti jistgħu japplikaw rata mnaqqsa, li tista' taqa' taħt ir-rata minima iżda mhux iffissata għal iżjed minn 50 % taħt ir-rata standard nazzjonali ta' dazju fuq l-alkoħol etiliku, lil prodotti segwenti:

[…]

2) ir-Repubblika Griega, fir-rigward ta' dawk ix-xarbiet [spirti] bit-togħma ta' l-anisetta definita fir-Regolament (KEE) Nru 1576/89 [tad-29 ta' Mejju 1989 li jistabilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' xorb spirituż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 9, p. 59)] li huma bla kulur u li għandhom kontenut ta' zokkor ta' 50 gramma jew

inqas f'kull litru, u li fihom mill-anqas 20 % tal-qawwa alkoħolika tal-prodott finali hi magħmula minn alkoħol mogħti t-togħma permezz tad-distillazzjoni f'lampiki tar-ram mhux kontinwi tradizzjonali b'kapaċità ta' 1000 litru jew inqas."

8 Ir-Regolament Nru 1576/89 tħassar u ġie ssostitwit bir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU 2008, L 39, p. 16).

9 L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 110/2008 jipprevedi:

"Ix-xorb spirituż għandu jkun klassifikat f'kategoriji skond id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II."

10 Skont kliem l-Anness II ta' dan ir-regolament:

"[…]

6. Karfa ta' l-għeneb magħsur jew spirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur:
   (a) Il-karfa ta' l-għeneb magħsur jew l-ispirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur hija xarba spiritwża li tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:
      i) tkun prodotta esklussivament mill-karfa ta' l-għeneb magħsur fermentata u distillata, sew direttament permezz tal-fwar ta' l-ilma jew wara li jkun inżied l-ilma;
      ii) kwantità ta' residwu tal-fond tista' tiżdied mal-karfa ta' l-għeneb magħsur li ma taqbiżx il-25 kg ta' residwu tal-fond għal kull 100 kg ta' karfa ta' l-għeneb magħsur użat;
      iii) il-kwantità ta' l-alkoħol miksuba mir-residwu tal-fond m'għandhiex taqbeż il-35 % tal-kwantità totali ta' l-alkoħol fil-prodott finali;
      iv) id-distillazzjoni għandha titwettaq fil-preżenza tal-karfa ta' l-għeneb magħsur innifisha f'anqas minn 86 % vol.;
      v) ir-ridistillazzjoni hija awtorizzata fl-istess qawwa alkoħolika;
      vi) li jkun fiha kwantità ta' sustanzi volatili li tilħaq jew taqbeż il-140 gramma għal kull ettolitru ta' 100 % vol. ta' alkoħol, u li jkollha massimu ta' kontenut ta' metanol ta' 1 000 gramma għal kull ettolitru ta' alkoħol ta' 100 % vol.
   (b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-ispirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur jew tal-karfa ta' l-għeneb magħsur għandha tkun ta' 37,5 %.
   (ċ) M'għandha ssir l-ebda żieda ta' alkoħol kif definit fl-Anness I(5), dilwit jew le.
   (d) L-ispirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur jew il-karfa ta' l-għeneb magħsur m'għandhomx jiżdidulhom sustanzi tat-taħwir. Dan m'għandux jeskludi metodi ta' produzzjoni tradizzjonali.
   (e) Il-karfa ta' l-għeneb magħsur jew l-ispirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur jista' jkollu miżjud fih karamella biss bħala mezz sabiex jiġi adattat il-kulur.

[…]

28. Anis
   (a) L-anis hija xarba spiritwża bit-togħma ta' l-aniżetta li t-togħma karatteristika tagħha tiġi mill-anisi (Pimpinella anisum L.) u/jew l-anisi stellata (Illicium verum Hook f.) u/jew il-bużbież (Foeniculum vulgare Mill.).
   (b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-anis għandha tkun ta' 35 %.
   (ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni ta' l-anis.

29. Anis distillata

(a) L-anis distillata hija anis li fiha alkoħol distillat fil-preżenza taż-żrieragħ imsemmijin fil-kategorija 28(a), u fil-każ ta' indikazzjonijiet ġeografiċi żrieragħ mastiċi u żrieragħ, pjanti jew frott aromatiċi oħrajn, bil-kondizzjoni li tali alkoħol jikkostitwixxi ta' l-anqas 20 % tal-qawwa alkoħolika ta' l-anis distillata.

(b) Il-qawwa alkoħolika minima skond il-volum ta' l-anis distillata għandha tkun ta' 35 %.

(ċ) Preparati u sustanzi tat-taħwir naturali kif definiti fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-Artikolu 1(2)(ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE biss jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni ta' l-anis distillata.

[…]".

11 Skont l-Artikolu 15(2) tal-imsemmi regolament, l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-ispirti huma rreġistrati fl-Anness III tal-istess regolament. Il-punti 6 u 29 ta' dan l-anness huma fformulati kif ġej:

| "<br>Kategorija ta' prodott | Indikazzjoni Ġeografika | Pajjiż ta' l-Oriġini (l-oriġini ġeografika preċiża hi deskritta fil-fajl tekniku) |
|---|---|---|
| | | |
| 6. Spirtu tal-karfa ta' l-għeneb magħsur | | |
| | Marc de Champagne/Eau-de-vie de marc de Champagne | Franza |
| | […] | […] |
| | Aguardente Bagaceira Bairrada | Portugal |
| | […] | […] |
| | Orujo de Galicia | Spanja |
| | Grappa | Italja |
| | […] | […] |
| | Τσικουδιά/Tsikoudia | Greċja |
| | Τσικουδιά Κρήτης/Tsikoudia of Crete | Greċja |
| | Τσίπουρο/Tsipouro | Greċja |
| | Τσίπουρο Μακεδονίας/Tsipouro of Macedonia | Greċja |
| | Τσίπουρο Θεσσαλίας/Tsipouro of Thessaly | Greċja |
| | Τσίπουρο Τυρνάβου/Tsipouro of Tyrnavos | Greċja |
| | *Eau-de-vie de marc de marque nationale luxembourgeoise* | Lussemburgu |
| | *Ζιβανία/Τζιβανία/Ζιβάνα/ Zivania* | Ċipru |
| | *Törkölypálinka* | Ungerija |
| […] | | |
| 29. Anis distillata | | |
| | *Ouzo/Ούζο* | Ċipru, Greċja |

| | | |
|---|---|---|
| | Ούζο Μυτιλήνης/Ouzo of Mitilene | Greċja |
| | Ούζο Πλωμαρίου/Ouzo of Plomari | Greċja |
| | Ούζο Καλαμάτας/Ouzo of Kalamata | Greċja |
| | Ούζο Θράκης/Ouzo of Thrace | Greċja |
| | Ούζο Μακεδονίας/Ouzo of Macedonia | Greċja<br>” |

12 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/84 jipprevedi:

“Mill-ewwel ta’ Jannar 1993, ir-rata minima tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol […] għandha tiġi ffissata għal [EUR] 550 għal kull ettolitru ta’ alkoħol pur.”

### *Id-dritt Grieg*

13 L-Artikolu 4(3)(b) tal-Liġi 3845/2010 (FEK A’65/6.5.2010) jipprovdi:

“Għandu jiġi applikat dazju tas-sisa fuq l-alkoħol etiliku b’rata mnaqqsa b’ħamsin fil-mija (50 %), meta mqabbel mar-rata standard fis-seħħ, għall-alkoħol etiliku intiż għall-produzzjoni tal-ouzo jew li jinsab fit-tsipouro u t-tsikoudia. Din ir-rata mnaqqsa hija stabbilita għal elf, mitejn u ħamsa u għoxrin euro (EUR 1 225) għal kull ettolitru ta’ alkoħol etiliku deidrat.”

14 L-Artikolu 82 tal-Liġi 2960/2001 (FEK A’265/22.11.2001), kif emendata bil-Liġi 2969/2001 (FEK A’281/18.12.2001), intitolat “Intaxxar tat-tsipouro jew tat-tsikoudia tad-distillaturi ‘okkażjonali’ tal-ewwel kategorija”, huwa fformulat kif ġej:

“1. It-tsipouro u t-tsikoudia minn spirtu tal-karfa tal-għeneb magħsur u sustanzi oħra awtorizzati prodotti mid-distillaturi żgħar (okkażjonali), skont l-Artikolu 7(E) tal-Liġi 2969/2001, huma suġġetti għal ħlas b’rata fissa ta’ disgħa u ħamsin ċenteżmu ta’ euro (EUR 0.59) għal kull kilogramma tal-prodott lest.

2. It-taxxa għandha titħallas meta tinħareġ l-awtorizzazzjoni ta’ distillazzjoni, fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tal-benefiċjarju fir-rigward tal-kwantità ta’ karfa tal-għeneb magħsur jew ta’ sustanzi oħra awtorizzati li huwa beħsiebu juża u tal-kwantità ta’ tsipouro jew ta’ tsikoudia li huwa ser jipproduċi.

3. Ir-rilaxx għall-konsum tal-imsemmi prodott isir mingħajr restrizzjoni fir-rigward tal-post jew tal-ħin, permezz tal-ħruġ tad-dokumenti fiskali previsti mil-liġi.”

15 L-Artikolu 7(E)(1), (3) u (8) tal-Liġi 2969/2001 jipprovdi:

“1) Il-produtturi tal-inbid u l-produtturi tas-sustanzi l-oħra msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu awtorizzati jiddistillaw il-materja prima mill-produzzjoni tagħhom […] matul perijodu ta’ xahrejn definit bejn l-1 ta’ Awwissu ta’ kull sena u l-31 ta’ Lulju tas-sena ta’ wara għal kull muniċipalità jew unità muniċipali jew komun mill-kap tar-reġjun doganali kkonċernat. […]

[…]

3) Għad-distillazzjoni, hija meħtieġa awtorizzazzjoni maħruġa mill-uffiċċju doganali għall-post fejn huwa installat il-lampik li ser jintuża għad-distillazzjoni. Dan iż-żmien ma jistax ikun ta' iktar minn, għal kull produttur, tmien perijodi ta' 24 siegħa, suċċessivi jew separati, u jiddependi fuq il-kwantità ta' materja prima intiża għad-distillazzjoni. […]

[…]

8) Il-prodott finali huwa rrilaxxat għall-konsum mill-produtturi nnifishom jew mix-xerrejja, flimkien mad-dokumenti fiskali previsti fil-kodiċi tal-kotba u tar-reġistri, fi kwantitajiet kbar, f'kontenituri tal-ħġieġ mingħajr ebda forma ta' standardizzazzjoni. Jekk il-produttur jiddistribwixxi l-prodott huwa nnifsu, dan għandu jkollu miegħu l-awtorizzazzjoni ta' distillazzjoni u l-irċevuta tal-ħlas tad-dazju tas-sisa."

## Il-proċedura prekontenzjuża

16 Il-Kummissjoni rċeviet ilment dwar ir-rati tad-dazju tas-sisa applikabbli skont il-leġiżlazzjoni Griega dwar ix-xorb alkoħoliku magħruf bħala tsipouro u tsikoudia. Wara li eżaminat dan l-ilment, fit-28 ta' Ottubru 2011 il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Ellenika li fiha indikatilha li kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt, minn naħa, id-Direttivi 92/83 u 92/84 u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 110 TFUE.

17 Ir-Repubblika Ellenika wieġbet permezz ta' ittra tal-11 ta' April 2012, fejn innotifikat lill-Kummissjoni, fost l-oħrajn, bl-intenzjoni tagħha li temenda l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-distillaturi żgħar.

18 Fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-emendi leġiżlattivi mħabbra, kif mitluba permezz ta' ittra tal-20 ta' Ġunju 2012 indirizzata lir-Repubblika Ellenika, fis-27 ta' Settembru 2013 il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni addizzjonali u r-Repubblika Ellenika wieġbet għal din l-ittra fil-11 ta' April 2014.

19 Peress li qieset li ma kinitx issodisfatta bit-tweġiba tar-Repubblika Ellenika, fil-25 ta' Settembru 2015 il-Kummissjoni bagħtet opinjoni mmotivata lil dan l-Istat Membru li fiha tikkonferma l-kritika espressa fl-ittra ta' intimazzjoni u fl-ittra ta' intimazzjoni addizzjonali tagħha. Hija stiednet lill-imsemmi Stat Membru jadotta l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonforma ruħu mal-opinjoni mmotivata f'terminu ta' xahrejn minn meta jirċievi din l-opinjoni.

20 Fit-tweġiba tagħha tal-21 ta' Jannar 2016, ir-Repubblika Ellenika indikat l-intenzjoni tagħha li temenda l-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti, minn naħa, billi testendi r-rata ta' dazju tas-sisa mnaqqsa b'50 % meta mqabbla mar-rata standard nazzjonali applikabbli għat-tsipouro u t-tsikoudia għal spirti oħra tal-karfa tal-għeneb magħsur li ġejjin minn Stati Membri oħra u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-produzzjoni tat-tsipouro u tat-tsikoudia mid-distillaturi ż-żgħar, billi tapplika din ir-rata ta' dazju tas-sisa mnaqqsa b'50 % filwaqt li tillimita l-produzzjoni għal 120 kilogramma għal kull sena u għal kull produttur u billi tiddestinaha biss għal konsum privat, sa fejn kull kummerċjalizzazzjoni tkun ipprojbita.

21 Fil-11 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Ellenika li dan l-abbozz ta' leġiżlazzjoni ma setax jissodisfa l-obbligi tagħha taħt, minn naħa, id-Direttivi 92/83 u 92/84 u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 110 TFUE.

22 Peress li ma rċeviet l-ebda informazzjoni addizzjonali mir-Repubblika Ellenika, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

**Fuq ir-rikors**

23 Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tressaq żewġ ilmenti bbażati fuq ksur, minn naħa, kemm tal-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 23(2) tagħha, kif ukoll tal-Artikolu 110 TFUE u, min-naħa l-oħra, kemm tal-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 22(1) tagħha u mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/84, kif ukoll tal-Artikolu 110 TFUE.

***Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq ksur kemm tal-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 23(2) tagħha, kif ukoll tal-Artikolu 110 TFUE***

*L-argumenti tal-partijiet*

24 L-ewwel ilment tal-Kummissjoni huwa magħmul minn żewġ partijiet.

25 Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-ilment, il-Kummissjoni ssostni li l-leġiżlazzjoni Griega dwar id-dazju tas-sisa applikabbli għat-tsipouro u għat-tsikoudia prodotti minn impriżi ta' distillazzjoni, magħrufa bħala "distillaturi sistematiċi", ma hijiex kompatibbli mal-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 23(2) tagħha.

26 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li, skont l-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, ir-Repubblika Ellenika hija obbligata tapplika r-rata standard tad-dazju tas-sisa fuq it-tsipouro u t-tsikoudia, u mhux rata mnaqqsa b'50 % meta mqabbla mal-imsemmija rata. Kwalunkwe eċċezzjoni għal dan il-prinċipju tista' tiġi aċċettata biss jekk tkun permessa b'mod espliċitu mid-dritt tal-Unjoni. Issa, l-Artikolu 23 ta' din id-direttiva jaċċetta eċċezzjonijiet biss fir-rigward ta' żewġ prodotti u t-tsipouro u t-tsikoudia ma humiex fost dawn iż-żewġ prodotti.

27 Interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 92/83, li hija dispożizzjoni ta' deroga, hija eskluża. Fil-fatt, skont ir-Regolament Nru 1576/89, issostitwit bir-Regolament Nru 110/2008, it-tsipouro u t-tsikoudia jaqgħu taħt kategorija ta' spirti kompletament differenti minn dik tal-ouzo, prevista fl-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 92/83. Jekk ir-Repubblika Ellenika hija konvinta li, fid-dawl tax-xebh tal-prodotti inkwistjoni, it-tsipouro u t-tsikoudia għandhom jiġu inklużi fid-dispożizzjoni ta' deroga, jiġifieri l-Artikolu 23 ta' din id-direttiva, l-istess bħall-ouzo, hija għandha tibda l-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan fuq livell leġiżlattiv.

28 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tosserva, barra minn hekk, li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jippermetti li l-Istati Membri, fuq bażi diskrezzjonali, jintroduċu skemi li jidderogaw minn dawk previsti fid-Direttiva 92/83 (sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-115/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:253, punt 35).

29 Fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel ilment, il-Kummissjoni tikkritika lir-Repubblika Ellenika talli ma wettqitx l-obbligi tagħha kemm taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 110 TFUE kif ukoll taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 110 TFUE.

30 Fir-rigward tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 110 TFUE, li jipprevedi li "Ebda Stat ma għandu japplika, direttament jew indirettament, fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra taxxi […] ogħla minn dawk applikati direttament jew indirettament fuq prodotti simili [li jixtiebhu] nazzjonali", il-Kummissjoni ssostni li l-kunċett ta' xebh għandu jiġi interpretat b'mod wiesa'.

31 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li, sabiex jiġi evalwat ix-xebh ta' żewġ prodotti, għandhom b'mod partikolari jiġu eżaminati l-karatteristiċi oġġettivi tagħhom. Issa, il-karatteristiċi elenkati fil-punt 6 tal-Anness II tar-Regolament Nru 110/2008, dwar l-ispirti tal-karfa tal-għeneb magħsur jew il-karfa tal-għeneb magħsur, huma karatteristiċi wkoll tat-tsipouro u tat-tsikoudia. Għalhekk, dawn iż-żewġ prodotti jixbhu minn tal-inqas l-ispirti kollha importati li jifformaw parti mill-kategorija "spirtu tal-karfa tal-għeneb magħsur jew karfa tal-għeneb magħsur" fis-sens tar-Regolament Nru 110/2008.

32 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tispeċifika li, fil-fehma tagħha, il-mod li bih xarba tiġi kkonsmata ma jistax jitqies bħala kriterju ta' distinzjoni ta' żewġ xarbiet, peress li d-drawwiet tal-konsumaturi huma varjabbli u għalhekk ma għandhomx il-kwalità ta' kriterju li ma jinbidilx.

33 F'dak li jirrigwarda t-tieni paragrafu tal-Artikolu 110 TFUE, li jipprevedi li "ebda Stat Membru ma għandu japplika fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra taxxi interni ta' tali natura li jagħtu protezzjoni indiretta lill-produzzjoni ta' merkanzija oħra", il-Kummissjoni tqis li din id-dispożizzjoni tipprojbixxi kwalunkwe forma ta' protezzjoniżmu fiskali indirett fil-każ ta' prodotti importati li, għalkemm ma jixbhux prodotti nazzjonali, jinstabu madankollu f'relazzjoni ta' kompetizzjoni, anki parzjali, indiretta jew potenzjali ma' xi wħud minnhom.

34 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li t-tsipouro u t-tsikoudia jistgħu jkunu f'relazzjoni ta' kompetizzjoni ma' spirti bħall-wiski, il-ġinn u l-vodka.

35 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva li, fl-opinjoni tagħha, il-bejgħ ta' spirti importati fil-Greċja naqas mis-sena 2010 meta mqabbel ma' dak tal-ispirti prodotti fil-Greċja, u dan il-fatt jagħti prova tal-effett protettiv tal-leġiżlazzjoni Griega dwar id-dazji tas-sisa li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors.

36 L-ewwel nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tal-Kummissjoni li l-leġiżlazzjoni Griega dwar id-dazji tas-sisa applikabbli għat-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mill-impriżi ta' distillazzjoni, magħrufa bħala "distillaturi sistematiċi", ma hijiex kompatibbli mal-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 23(2) ta' din id-Direttiva, ir-Repubblika Ellenika taċċetta li l-ouzo kif ukoll it-tsipouro u t-tsikoudia jappartjenu, skont ir-Regolament Nru 110/2008, għal kategoriji differenti ta' xorb alkoħoliku, jiġifieri l-ouzo fil-kategorija "Anis distillata" u, it-tsipouro u t-tsikoudia, fil-kategorija "spirtu tal-karfa tal-għeneb magħsur jew karfa tal-għeneb magħsur".

37 Skont ir-Repubblika Ellenika, madankollu, dan il-fatt ma jfissirx neċessarjament li dawn l-ispirti għandhom karatteristiċi u kwalitajiet differenti. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-istess rata ta' dazju tas-sisa mnaqqsa b'50 % fir-rigward tat-tsipouro u tat-tsikoudia kif ukoll fir-rigward tal-ouzo tista' tkun ibbażata fuq l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 92/83, minkejja l-fatt li l-imsemmija dispożizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett.

38 Insostenn tal-approċċ tagħha, ir-Repubblika Ellenika targumenta li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 92/83 għandha ssir fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw minn regoli tad-dritt ta' livell superjuri, f'dan il-każ dawk stabbiliti fl-Artikolu 110 TFUE. Issa, l-għan ta' din id-dispożizzjoni tad-dritt primarju huwa li tiġi pprojbita kull diskriminazzjoni fiskali.

39 Billi jiċħad l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li l-Artikolu 110 TFUE huwa intiż li jipproteġi l-prodotti li ġejjin minn Stati Membri oħra, filwaqt li l-prodott li għalih tirreferi r-Repubblika Ellenika fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 92/83 huwa l-ouzo, ta' produzzjoni nazzjonali, dan l-Istat Membru jirrifjuta wkoll il-kritika tal-Kummissjoni li ma osservax l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 110 TFUE.

40 Għalhekk, ir-Repubblika Ellenika targumenta, it-tieni nett, li l-leġiżlazzjoni Griega dwar id-dazji tas-sisa inkwistjoni ma tiksirx l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 110 TFUE li jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jimponu, fuq il-prodotti tal-Istati Membri l-oħra, taxxi superjuri għal dawk imposti fuq prodotti

nazzjonali li jixtiebhu magħhom. Fil-fatt, skont dan l-Istat Membru, it-tsipouro u t-tsikoudia, kemm jekk aromatizzati jew le, huma differenti mill-ispirti l-oħra importati, mhux biss bħall-wiski, il-ġinn jew il-vodka, iżda wkoll il-grappa jew iz-zivania u, b'mod ġenerali, spirti li jaqgħu taħt il-kategorija tal-ispirtu tal-karfa tal-għeneb magħsur.

41 F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Ellenika tinnota li l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 6 tal-Anness II tar-Regolament Nru 110/2008, li għandhom ikunu ssodisfatti minn spirtu tal-karfa tal-għeneb magħsur, huma fformulati f'termini ġenerali ħafna u ma jiddeskrivux il-karatteristiċi essenzjali tal-kwalità tal-prodott. Għalhekk ma jittiħdux inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-materja prima użata, il-karfa, u l-metodu ta' distillazzjoni użat li, it-tnejn li huma, għandhom influwenza deċiżiva fuq il-karatteristiċi organolettiċi tal-ispirtu miksub.

42 It-tielet nett, fil-kuntest tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 110 TFUE li jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jimponu, fuq prodotti ta' Stati Membri oħra, taxxi interni li jkunu ta' natura li jipproteġu indirettament prodotti oħra, ir-Repubblika Ellenika tikkontesta wkoll l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn, minn naħa, it-tsipouro u t-tsikoudia u, min-naħa l-oħra, spirti oħra, bħall-wiski, il-ġinn jew il-vodka, kif ukoll dawk li jappartjenu għall-kategorija ta' spirtu tal-karfa tal-għeneb magħsur.

43 F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Ellenika fl-aħħar nett tiċħad id-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis fil-konsum tal-ispirti importati. F'dan ir-rigward, hija tosserva li s-snin mill-2010 sal-2012 kienu kkaratterizzati minn perijodu ta' kriżi u li għalhekk ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jinsiltu konklużjonijiet żguri u affidabbli dwar il-konsum tad-diversi kategoriji ta' spirti. Għalhekk, in-natura protettiva tal-leġiżlazzjoni fiskali Griega għall-benefiċċju tat-tsipouro u t-tsikoudia, allegata mill-Kummissjoni, ma hijiex ipprovata.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

44 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li meta kwistjoni hija rregolata b'mod eżawrjenti u b'mod armonizzat fil-livell tal-Unjoni, kull miżura nazzjonali relatata ma' din il-kwistjoni trid tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din il-miżura ta' armonizzazzjoni eżawrjenti u mhux fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Il-Kummissjoni vs Franza, C-216/11, EU:C:2013:162, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-115/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:253, punt 38).

45 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li d-Direttiva 92/83 armonizzat b'mod eżawrjenti l-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku fl-Unjoni. Għalhekk, skont l-Artikoli 19 u 21 ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom, bħala prinċipju u b'mod konformi mad-Direttiva 92/84, jistabbilixxu l-istess rata ta' dazju tas-sisa fuq il-prodotti kollha suġġetti għad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol etiliku, filwaqt li l-eċċezzjonijiet li jippermettu li l-Istati Membri, taħt ċerti kundizzjonijiet, jistabbilixxu l-imsemmija rata f'livell iktar baxx mir-rata minima, huma speċifikati fid-dettall fl-Artikoli 22 u 23 tad-Direttiva 92/83 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-115/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:253, punti 38 u 39).

46 Minn dan isegwi li, fl-evalwazzjoni tagħha tal-ilmenti magħmula mill-Kummissjoni, il-Qorti għandha tillimita ruħha għall-interpretazzjoni tad-Direttivi 92/83 u 92/84.

47 F'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tapplika rata ta' dazju tas-sisa mnaqqsa b'50 % meta mqabbla mar-rata standard nazzjonali applikabbli għat-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mill-impriżi ta' distillazzjoni, magħrufa bħala "distillaturi sistematiċi", filwaqt li x-xorb alkoħoliku importat minn Stati Membri oħra huwa suġġett għar-rata standard tad-dazju tas-sisa.

48 Fir-rigward tal-eċċezzjoni, li tirriżulta mill-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, għall-prinċipju tal-applikazzjoni tal-istess rata ta' dazju tas-sisa fuq il-prodotti kollha suġġetti għad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol etiliku previst fl-Artikolu 23 tal-imsemmija direttiva, din id-dispożizzjoni ta' deroga tapplika, f'dak li jirrigwarda r-Repubblika Ellenika, esklużivament u b'mod inekwivoku għax-"xarbiet [spirti] bit-togħma ta' l-anisetta", jiġifieri l-ouzo.

49 Inkwantu dispożizzjoni ta' deroga li tistabbilixxi sistema ta' eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali tal-iffissar tar-rati tad-dazju tas-sisa, l-Artikolu 23(2) tal-imsemmija direttiva għandu jiġi interpretat b'mod strett.

50 Issa, fir-rigward tal-eżenzjonijiet jew tat-tnaqqis tar-rati tad-dazju tas-sisa speċifiċi previsti mid-Direttiva 92/83 għal ċerti kategoriji ta' xorb, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fid-dawl kemm tal-għanijiet ta' din id-direttiva kif ukoll tal-kliem tas-sbatax-il premessa tagħha li tirreferi għall-projbizzjoni ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-kuntest tas-suq intern, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jippermetti li l-Istati Membri, fuq bażi diskrezzjonali, jintroduċu skemi li jidderogaw minn dawk previsti fid-Direttiva 92/83 (sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-115/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:253, punt 35).

51 Għalkemm minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li l-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 23(2) tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, peress li t-tsipouro u t-tsikoudia, fl-istadju attwali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, ma humiex fost il-prodotti koperti mis-sistema ta' deroga prevista fl-Artikolu 23(2) ta' din id-direttiva, dawn huma suġġetti għall-istess rata ta' dazju tas-sisa bħall-prodotti kollha tal-alkoħol etiliku li huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva, madankollu hemm lok li jiġi vverifikat jekk din l-interpretazzjoni hijiex ikkonfutata mill-evalwazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet fid-dawl tal-Artikolu 110 TFUE. Fil-fatt, ir-Repubblika Ellenika targumenta li, skont dan l-approċċ, l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 92/83 għandu jingħata interpretazzjoni wiesa' li tinkludi t-tsipouro u t-tsikoudia fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

52 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-għan tal-Artikolu 110 TFUE huwa li jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Istati Membri f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Għal dan il-għan, dan l-artikolu huwa intiż sabiex ineħħi kull forma ta' protezzjoni li tista' tirriżulta mill-applikazzjoni ta' taxxi interni diskriminatorji fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' April 2011, Tatu, C-402/09, EU:C:2011:219, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 110 TFUE huwa intiż sabiex jiggarantixxi n-newtralità totali tat-taxxi interni fir-rigward tal-kompetizzjoni bejn prodotti li jinstabu diġà fis-suq nazzjonali u prodotti importati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' April 2011, Tatu, C-402/09, EU:C:2011:219, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Għalhekk, minn kliem l-Artikolu 110 TFUE jirriżulta b'mod ċar li l-prinċipju ta' newtralità fiskali, invokat mir-Repubblika Ellenika, jirreferi biss għall-ugwaljanza fit-trattament bejn il-prodotti nazzjonali u dawk importati. Issa, il-prodotti li għalihom tagħmel riferiment ir-Repubblika Ellenika fil-kuntest tal-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 92/83, f'dan il-każ kemm l-ouzo kif ukoll it-tsipouro u t-tsikoudia, huma prodotti ta' produzzjoni nazzjonali.

55 Dan espost, għandu jitfakkar li, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li l-prinċipju ta' newtralità fiskali jikkostitwixxi t-traduzzjoni, f'kuntest differenti, tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata), hija speċifikat li l-prinċipju ta' newtralità fiskali ma jippermettix, fih innifsu, li jkun hemm estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' eżenzjoni. Fil-fatt, l-imsemmi prinċipju ma huwiex regola tad-dritt primarju iżda huwa prinċipju ta' interpretazzjoni li

għandu jiġi applikat b'mod parallel mal-prinċipju li jgħid li l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Deutsche Bank, C-44/11, EU:C:2012:484, punt 45).

56 Issa, kif ġie kkonstatat fil-punt 48 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 92/83 huwa dispożizzjoni ta' deroga li hija ċara u preċiża.

57 Għaldaqstant, l-approċċ tar-Repubblika Ellenika, intiż sabiex din id-dispożizzjoni, fid-dawl tal-Artikolu 110 TFUE, tiġi interpretata b'mod wiesa' b'tali mod li tinkludi t-tsipouro u t-tsikoudia, għandu jiġi miċħud.

58 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel ilment għandu jiġi milqugħ.

***Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 22(1) tagħha u mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/84 kif ukoll mal-Artikolu 110 TFUE***

*L-argumenti tal-partijiet*

59 It-tieni lment tal-Kummissjoni huwa magħmul minn żewġ partijiet.

60 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni lment, il-Kummissjoni ssostni li l-leġiżlazzjoni Griega dwar id-dazji tas-sisa applikabbli għat-tsipouro u għat-tsikoudia prodotti minn distillaturi żgħar, imsejħa "okkażjonali", ma hijiex kompatibbli mal-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 22(1) tagħha u mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/84.

61 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, ir-Repubblika Ellenika għandha, bħala prinċipju, tapplika l-istess rata ta' dazju tas-sisa, stabbilita b'mod konformi mad-Direttiva 92/84, għall-prodotti kollha suġġetti għad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol etiliku. Huwa biss b'mod eċċezzjonali, u fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 22 ta' din id-direttiva li l-Istati Membri jistgħu japplikaw rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq l-imsemmi alkoħol meta dan jiġi prodott minn distilleriji żgħar.

62 Il-Kummissjoni tinnota li, skont il-leġiżlazzjoni Griega dwar id-dazji tas-sisa inkwistjoni, minn naħa, it-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mid-distillaturi żgħar huma suġġetti għal taxxa ta' EUR 0.59 għal kull kilogramma, li tikkorrispondi għal EUR 59 għal kull ettolitru. Issa, din it-taxxa hija ferm inqas minn 50 % tat-tnaqqis, permess skont l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 92/83, meta mqabbel mar-rata standard minima ta' dazju tas-sisa stabbilita, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/84, għal EUR 550 għal kull ettolitru ta' alkoħol pur.

63 Min-naħa l-oħra, skont il-Kummissjoni, l-imsemmija leġiżlazzjoni Griega ma tipprevedix, għad-distilleriji ż-żgħar, imsejħa "okkażjonali", limiti massimi ta' produzzjoni li ma jaqbżux il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 92/83, f'dan il-każ produzzjoni ta' inqas minn għaxar ettolitri ta' alkoħol pur fis-sena.

64 Fil-kuntest tat-tieni parti tat-tieni lment, il-Kummissjoni tikkritika lir-Repubblika Ellenika talli ma osservatx, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tagħha dwar id-dazji tas-sisa applikabbli għat-tsipouro u għat-tsikoudia prodotti minn distillaturi żgħar, imsejħa "okkażjonali", l-obbligi tagħha kemm taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 110 TFUE kif ukoll dawk stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 110 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tagħmel riferiment għall-argumenti tagħha esposti fil-punti 29 sa 35 ta' din is-sentenza.

65 Ir-Repubblika Ellenika tosserva li d-distillaturi ż-żgħar, imsejħa "okkażjonali", tat-tsipouro u tat-tsikoudia joperaw f'kuntest nazzjonali speċifiku li jieħu inkunsiderazzjoni prattika tradizzjonali stabbilita fis-snin. Il-bejgħ tat-tsipouro u tat-tsikoudia, li huma prodotti permezz ta' tagħmir estremament sempliċi, jitwettaq biss fi kwantitajiet kbar, minn individwu għal ieħor, u qatt ma kien is-suġġett ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.

66 F'dak li jirrigwarda r-rata, ta' darba u fissa, applikata kif previst fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva 92/83, din hija ta' natura simbolika, peress li l-għan ewlieni tagħha huwa li tikkontrolla l-osservanza tal-kuntest strett ħafna li fih id-distillaturi ż-żgħar, imsejħa "okkażjonali", huma meħtieġa li jaġixxu.

67 F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Ellenika tagħmel ukoll riferiment għall-minuti tal-Kunsill "Ecofin" tad-19 ta' Ottubru 1992, fejn jingħad li l-Istati Membri li tradizzjonalment jeżentaw il-produzzjoni ta' kwantitajiet żgħar ta' alkoħol maħsub għall-konsum privat jistgħu jkomplu japplikaw dawk l-eżenzjonijiet.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

68 Kif ġie mfakkar fil-punt 45 ta' din is-sentenza, l-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku huma armonizzati fl-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet li taħthom l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu r-rata tad-dazju tas-sisa fuq livell inferjuri għal dak tar-rata minima. Konsegwentement, it-tieni lment għandu jiġi eżaminat biss fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 92/83 u 92/84 li huma s-suġġett tal-ewwel parti tiegħu.

69 Il-Kummissjoni ssostni li l-leġiżlazzjoni Griega dwar id-dazji tas-sisa timponi, fuq it-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mid-distillaturi ż-żgħar, imsejħa "okkażjonali", taxxa ta' EUR 59 għal kull ettolitru li hija ferm inqas minn 50 % tat-tnaqqis, permess skont l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 92/83, meta mqabbel mar-rata standard minima ta' dazju tas-sisa stabbilita, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/84, għal EUR 550 għal kull ettolitru ta' alkoħol pur.

70 Fir-rigward ta' dan l-argument, l-ewwel nett, għandu jitfakkar li huwa paċifiku li r-rati minimi tad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol etiliku, previsti fl-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/84, ma humiex osservati mil-leġiżlazzjoni Griega dwar id-dazji tas-sisa f'dak li jirrigwarda t-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mid-distillaturi ż-żgħar, imsejħa "okkażjonali".

71 Għandu, wara dan, jiġi osservat li, għalkemm huwa ċertament minnu li d-Direttiva 92/83 tipprevedi eżenzjonijiet jew tnaqqis fir-rati speċifiċi tad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' xorb jew ta' ċerti Stati Membri, madankollu, fid-dawl kemm tal-għanijiet ta' din id-direttiva kif ukoll tal-kliem tas-sbatax-il premessa tagħha, li tfakkar li eventwali rati mnaqqsa ma għandhomx iwasslu għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-kuntest tas-suq intern, għandu jiġi deċiż li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jippermetti li l-Istati Membri, fuq bażi diskrezzjonali, jintroduċu skemi li jidderogaw minn dawk previsti fid-Direttiva 92/83.

72 Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tal-effetti tal-eżenzjonijiet ta' kwantitajiet żgħar ta' alkoħol etiliku fis-suq intern, meta kwistjoni tkun irregolata b'mod armonizzat fil-livell tal-Unjoni, kull miżura nazzjonali relatata ma' din il-kwistjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din il-miżura ta' armonizzazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-115/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:253, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 F'dan il-kuntest, id-Direttivi 92/83 u 92/84 jiffissaw ir-rati minimi tad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol etiliku mingħajr ma jikkundizzjonaw l-applikazzjoni tagħhom għall-effett li l-produzzjoni u l-konsum privat ta' dan l-alkoħol jista' jkollu fuq is-suq. Għaldaqstant, l-argument tar-Repubblika Ellenika li jgħid li l-bejgħ tat-tsipouro u tat-tsikoudia, minn individwu għal ieħor, qatt ma kien is-suġġett ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji huwa irrilevanti.

74 Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-argument tar-Repubblika Ellenika li d-distillaturi ż-żgħar, imsejħa "okkażjonali", tat-tsipouro u tat-tsikoudia joperaw f'kuntest nazzjonali speċifiku li jieħu inkunsiderazzjoni prattika tradizzjonali stabbilita fis-snin, għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm il-premessa sittax tad-Direttiva 92/83 tipprevedi li l-Istati Membri huma awtorizzati japplikaw rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa jew eżenzjonijiet għal ċerti prodotti reġjonali jew tradizzjonali, dan ma jfissirx li tradizzjoni nazzjonali tista', fiha nnifisha, teżenta lill-imsemmija Stati Membri mill-obbligi tagħhom li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-115/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:253, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi speċifikat li dikjarazzjoni li tinsab f'minuti tal-Kunsill "Ecofin" ma tistax tikkonfuta l-analiżi magħmula fil-punti 71 sa 74 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li dikjarazzjonijiet magħmula fl-istadju tax-xogħlijiet preparatorji, li jwasslu għall-adozzjoni ta' direttiva, ma jistgħux jiġu invokati għall-interpretazzjoni tagħha meta l-kontenut tagħhom ma jkun bl-ebda mod espress fit-test tad-dispożizzjoni inkwistjoni u meta dawn ma għandhom, għaldaqstant, l-ebda portata ġuridika (sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-115/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:253, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li, billi adottat u applikat leġiżlazzjoni li tipprevedi li, taħt il-kundizzjonijiet li hija tistabbilixxi, il-produzzjoni tat-tsipouro u tat-tsikoudia mwettqa mid-distillaturi ż-żgħar, imsejħa "okkażjonali", hija suġġetta għal rata ta' dazju tas-sisa ta' EUR 59 għal kull ettolitru, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 22(1) tagħha u mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/84.

77 Minn dawn l-elementi jirriżulta li t-tieni lment għandu jiġi milqugħ.

78 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha:

– taħt l-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 23(2) ta' din id-direttiva, billi adottat u żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tapplika rata ta' dazju tas-sisa mnaqqsa b'50 % meta mqabbla mar-rata standard nazzjonali applikabbli għat-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mill-impriżi ta' distillazzjoni, magħrufa bħala "distillaturi sistematiċi", u

– taħt l-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 22(1) tagħha u mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/84, billi adottat u żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tapplika, taħt il-kundizzjonijiet previsti f'din il-leġiżlazzjoni, rata ta' dazju tas-sisa kunsiderevolment imnaqqsa fuq it-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mid-distillaturi ż-żgħar, imsejħa "okkażjonali".

**Fuq l-ispejjeż**

79 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Repubblika Ellenika tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi

**1) Ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha:**

- **taħt l-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, moqrija flimkien mal-Artikolu 23(2) ta' din id-direttiva, billi adottat u żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tapplika rata ta' dazju tas-sisa mnaqqsa b'50 % meta mqabbla mar-rata standard nazzjonali applikabbli għat-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mill-impriżi ta' distillazzjoni, magħrufa bħala "distillaturi sistematiċi", u**

- **taħt l-Artikoli 19 u 21 tad-Direttiva 92/83, moqrija flimkien mal-Artikolu 22(1) tagħha u mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/84/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, billi adottat u żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tapplika, taħt il-kundizzjonijiet previsti f'din il-leġiżlazzjoni, rata ta' dazju tas-sisa kunsiderevolment imnaqqsa fuq it-tsipouro u t-tsikoudia prodotti mid-distillaturi ż-żgħar, imsejħa "okkażjonali".**

**2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem